**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Mario Tonna)

**vs**

**Francis Xavier sive Saviour Agius**

Illum 16 ta` Mejju 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Francis Xavier sive Saviour Agius, ta` 24 sena, bin Carmel u Maria Dolores nee` Borg, imwieled San Giljan fis-16 ta` Marzu 1978 u joqghod114, Triq san Bastjan, Qormi, ID 203278 M:

1. Talli f`San giljan minn gewwa l-Bajja ta` San Gorg, fil-11 ta` Mejju 2002, bejn is-2.00 pm u l-4.45 pm., minn gewwa vetturi tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni OCT-777 u minn gewwa vettura tal-ghamla Skond, bin-numru tar-registrazzjoni DBA-614,

ikkommetta serq ta` accessorji u cioe` nuccali tal-vista, tromba, stereo tal-marka Clarion u flus kontanti, ghad-dannu ta` Pio Callus minn Tas-Sliema  u Carlo Attard minn San giljan rispettivament, li l-valur tal-accessorji jammonta ghall-Lm180, serq ikkwalifikat bil-valur u bil-mezz.

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq l-istess vetturi ghad-dannu tal-istess Pio Callus u Carlo Attard liema hsara ma teccedix il-hamsin lira maltin imma teccedi l-ghaxar liri maltin.

3. Talli f`dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi, f`diversi lokalitajiet f`Malta, xjentement ilqajt ghandhek jew xtrajt, hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat jew xjentement b`kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

4. Talli matul dawn l-ahhar snin, f`dawn il-Gzejjer, f`diversi bnadi u hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata  fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 us-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort`ohra

awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b`xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta` Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-konroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentemetn emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga instabet f`tali cirkostanzi li juru li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi huwa recidiv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta fid-19 ta` Jannar 1999.

Rat id-dokumenti esibiti u l-atti kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 325(c) tal-Kapitolu 9; ir-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern

tad-Drogi Perikoluzi (A.L. 292/1939) kif emendati u l-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u li l-akkuzat hu recidiv.

Tiddeciedi li tapplika l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 bit-tama li l-hati jaqbad hajja gdida u jibda programm ma` l-Oasi, Ghawdex, kif talab hu stess u intrabat li ser jaghmel.

Ghalhekk tikkundannah **sentejn (2) habs liema sentenza m`ghandhiex tibda ssehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien erba` (4) snin mill-lum.** Il-Qorti qed tfiehem skond il-ligi, l-portata ta` din is-sentenza u din hi l-ahhar darba li qed timxi hekk mal-hati.

Vera kopja. (ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.